C/2024/5919

1.10.2024

Pubblikazzjoni ta' komunikazzjoni dwar l-approvazzjoni ta' emenda standard għall-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott għal isem fis-settur tal-inbid kif imsemmi fl-Artikolu 17(2) u (3) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2019/33

(C/2024/5919)

Din il-komunikazzjoni hija ppubblikata f'konformità mal-Artikolu 17(5) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2019/33 ([1]).

KOMUNIKAZZJONI TAL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA STANDARD

"Lirac"

PDO-FR-A0331-AM02

Data tal-komunikazzjoni: 24.7.2024

DESKRIZZJONI TAL-EMENDA APPROVATA U RAĠUNIJIET GĦALIHA

1. Iż-żona ġeografika u ż-żona fil-viċinanza immedjata

Il-kapitolu I tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott għad-denominazzjoni Lirac jiġi kkompletat mingħajr ebda bidla fil-"punt 1 – Żona ġeografika" u fil-"punt 3 – Żona fil-viċinanza immedjata" tat-taqsima "IV – Żoni u postijiet li fihom jitwettqu diversi operazzjonijiet" sabiex tiżdied ir-referenza għall-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali tal-1 ta' Jannar 2023.

Din l-emenda fil-kitba tagħmilha possibbli li ssir referenza għaż-żona ġeografika skont kif inhi fil-verżjoni fis-seħħ fl-2023 tal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali, ippubblikat mill-INSEE u li tikkonferma legalment id-demarkazzjoni taż-żona ġeografika.

Id-Dokument Uniku ġie kkompletat b'din ir-referenza fit-taqsima "Żona ġeografika" kif ukoll fit-taqsima "Rekwiżiti addizzjonali – Żona fil-viċinanza immedjata".

2. Tikkettar

Il-kapitolu I tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott għad-denominazzjoni Lirac jiġi kkompletat fil-punt "7.2 – Rekwiżiti speċifiċi" tat-taqsima "XII – Regoli dwar il-preżentazzjoni u t-tikkettar" – biex jiġu inkorporati r-regoli dwar it-tikkettar tal-indikazzjoni tal-unità ġeografika akbar "Vignobles de la Vallée du Rhône" skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-ftehim iffirmat bejn id-diversi korpi tad-difiża u tal-ġestjoni kkonċernati. Dan it-terminu jrid jidher fl-istess kamp viżiv bħad-dettalji obbligatorji kollha u jrid ikun stampat b'karattri tal-istess disinn grafiku u kulur bħal dawk tad-denominazzjoni, sakemm id-daqs ta' dan it-terminu ma jaqbiżx iż-żewġ terzi tad-daqs tad-denominazzjoni.

Din l-emenda tmexxiet għad-Dokument Uniku taħt "Kundizzjonijiet addizzjonali – Tikkettar".

3. Obbligi ta' dikjarazzjoni

Il-kapitolu II tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott tad-denominazzjoni Lirac ġie aġġornat biex l-obbligi ta' dikjarazzjoni tal-operaturi lill-korp ta' difiża u ġestjoni jsiru konformi mal-pjan ta' kontroll tad-denominazzjoni.

Dan l-aġġornament ma jaffettwax id-Dokument Uniku.

4. Referenza għall-korp ta' spezzjoni

Il-kapitolu III tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott – taqsima II – Referenzi għall-korp ta' spezzjoni – ġie aġġornat biex jiġi ċċarat li l-konformità mal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott titwettaq abbażi ta' pjan ta' kontroll approvat u minn korp terz li joffri garanziji ta' kompetenza, imparzjalità u indipendenza ddelegat mill-INAO.

Dan l-aġġornament ma jaffettwax id-Dokument Uniku.

([1]) ĠU L 9, 11.1.2019, p. 2.

DOKUMENT UNIKU

1. **Isem/Ismijiet**

Lirac

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

DOP – Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta

3. **Kategoriji tal-prodotti tad-dwieli**

1. Inbid

3.1. *Kodiċi għal Nomenklatura Magħquda*

— 22 - XORB, SPIRTI U ĦALL

2204 - Inbejjed ta' għeneb frisk, inklużi nbejjed imsaħħin; most tal-għeneb għajr dak tal-intestatura 2009

4. **Deskrizzjoni tal-inbid/inbejjed**

1. Inbejjed ħomor xotti bla gass

DESKRIZZJONI TESTWALI KONĊIŻA

Il-kulur tal-inbejjed ħomor huwa qawwi ħafna u skur. Fl-imnieħer għandu aromi kumplessi ta' frott aħmar jew iswed li huwa bejn wieħed u ieħor misjur, xi drabi msajjar, b'noti ta' ħwawar u ta' ġilda. It-togħma hija ampja u bbilanċjata b'tannini b'saħħithom u robusti. Dawn l-inbejjed huma partikolarment adattati għall-maturazzjoni.

L-inbejjed għandhom il-kriterji li ġejjin fl-istadju tal-ippakkjar:

— qawwa alkoħolika naturali minima skont il-volum (TAVN) ta' 12,5 %

— kontenut ta' zokkor fermentabbli ≤ 4 g/L jekk TAVN ≤ 14 %

— kontenut ta' zokkor fermentabbli ≤ 3 g/L jekk TAVN > 14 %

— kontenut ta' aċidu maliku ≤ 0,4 g/L

— intensità tal-kulur modifikata (DO 420 nm + DO 520 nm + DO 620 nm) ≥ 6

— indiċi tal-polifenoli totali (DO 280 nm) ≥ 40

Għall-kriterji analitiċi l-oħra, l-inbejjed jikkonformaw mal-limiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni Ewropea.

Karatteristiċi analitiċi

— Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum): 14,5

— Qawwa alkoħolika proprja minima (% tal-volum) —

— Aċidità totali minima: f'milliekwivalenti għal kull litru

— Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru): 16,33

— Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru) —

2. Inbejjed rożè xotti bla gass

DESKRIZZJONI TESTWALI KONĊIŻA

L-inbejjed rożè miksuba l-aktar mill-fsada huma wkoll inbejjed ampji u bbilanċjati b'aromi ta' frott aħmar misjur. Dawn huma distinti minħabba l-freskezza u r-robustezza tagħhom.

L-inbejjed għandhom il-kriterji li ġejjin fl-istadju tal-ippakkjar:

— qawwa alkoħolika naturali minima skont il-volum (TAVN) ta' 12 %

— kontenut ta' zokkor fermentabbli ≤ 4 g/L jekk TAVN ≤ 14 %

— kontenut ta' zokkor fermentabbli ≤ 3 g/L jekk TAVN > 14 %

Għall-kriterji analitiċi l-oħra, l-inbejjed jikkonformaw mal-limiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni Ewropea.

Karatteristiċi analitiċi

— Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum): 14

— Qawwa alkoħolika proprja minima (% tal-volum) —

— Aċidità totali minima: f'milliekwivalenti għal kull litru

— Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru): 16,33

— Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru) —

3. Inbejjed bojod xotti bla gass

DESKRIZZJONI TESTWALI KONĊIŻA

L-inbejjed bojod huma rikki b'aromi ta' fjuri enfasizzati mix-xagħri u l-aromi tal-frott abjad. Huma kkaratterizzati minn persistenza aromatika twila u pjaċevoli.

L-inbejjed għandhom il-kriterji li ġejjin fl-istadju tal-ippakkjar:

— qawwa alkoħolika naturali minima skont il-volum (TAVN) ta' 12 %

— kontenut ta' zokkor fermentabbli ≤ 4 g/L jekk TAVN ≤ 14 %

— kontenut ta' zokkor fermentabbli ≤ 3 g/L jekk TAVN > 14 %

Għall-kriterji analitiċi l-oħra, l-inbejjed jikkonformaw mal-limiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni Ewropea.

Karatteristiċi analitiċi

— Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum): 14

— Qawwa alkoħolika proprja minima (% tal-volum) —

— Aċidità totali minima: f'milliekwivalenti għal kull litru

— Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru): 16,33

— Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru) —

5. **Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid**

5.1. *Prattiki enoloġiċi speċifiċi*

1. Id-distanza bejn ir-ringieli u l-ispazju bejn il-pjanti

Prattika tal-kultivazzjoni

Il-wisa' bejn il-flanni hija ta' ≤ 2,50 metri. L-erja massima disponibbli għal kull pjanta hija ta' 2,50 metru kwadru. Il-wisa' bejn il-pjanti fl-istess flann hija ta' bejn 0,80 metru u 1,25 metru.

2. Żabra tad-dielja

Prattika tal-kultivazzjoni

Id-dwieli jinżabru qosra (gobelet jew cordon de Royat), b'massimu ta' 6 friegħi għal kull pjanta. Kull fergħa għandha massimu ta' 2 rimjiet; il-perjodu ta' stabbiliment tal-cordon de Royat huwa limitat għal sentejn.

Il-varjetà Viognier B tista' tinżabar:

— kemm b'żabra tat-tip Guyot sempliċi b'massimu ta' 8 rimjiet fuq iż-żargun it-twil u massimu ta' fergħa waħda jew tnejn b'2 rimjiet;

— jew b'żabra doppja tat-tip Guyot, b'massimu ta' 6 rimjiet fuq kull żargun twil u b'massimu ta' fergħa waħda jew tnejn b'2 rimjiet;

3. Tisqija

Prattika tal-kultivazzjoni

It-tisqija tista' tiġi awtorizzata.

4. Prattika tal-kultivazzjoni

It-tħawwil taħt il-plastik huwa pprojbit.

Kwalunkwe bidla sostanzjali fil-morfoloġija tat-terren u fis-sekwenza naturali tal-ħamrija tal-irqajja' tal-art maħsuba għall-produzzjoni tad-Denominazzjoni ta' Oriġini Kkontrollata hija pprojbita.

5. Prattika enoloġika speċifika

L-użu ta' biċċiet tal-injam huwa pprojbit.

L-użu tal-faħam għal skopijiet enoloġiċi huwa pprojbit għall-produzzjoni tal-inbejjed rożè.

Minbarra d-dispożizzjoni ta' hawn fuq, fir-rigward tal-prattiki enoloġiċi, l-inbejjed iridu jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti fil-leġiżlazzjoni Ewropea u fil-Kodiċi Rurali u tas-Sajd Marittimu.

6. Dispożizzjonijiet partikolari għall-ħsad u t-trasport tal-vendemmja

Prattika tal-kultivazzjoni

L-għażla tal-vendemmja hija obbligatorja. Issir jew fuq id-dielja jew fil-maħżen tat-tqaddim, b'tagħmir speċifiku.

Meta l-ħsad jiġi ttrasportat, il-piż tal-vendemmja ttrasportata għandu jkun limitat għal 4 000 kilogramma għal kull trejler.

5.2. *Rendimenti massimi*

43 ettolitru għal kull ettaru

6. **Definizzjoni taż-żona demarkata**

Il-ħsad tal-għeneb, il-vinifikazzjoni u l-produzzjoni tal-inbejjed isiru fit-territorju tal-muniċipalitajiet li ġejjin tad-département tal-Gard, abbażi tal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali 2023: Lirac, Roquemaure, Saint-Geniès-de-Comolas, Saint-Laurent-des-Arbres.

7. **Varjetà jew varjetajiet tal-għeneb tal-inbid**

Bourboulenc B - Doucillon blanc

Carignan N

Cinsaut N - Cinsault

Clairette B

Clairette rose Rs

Counoise N

Grenache N

Grenache blanc B

Grenache gris G

Marsanne B

Mourvèdre N - Monastrell

Piquepoul blanc B

Piquepoul noir N

Roussanne B

Syrah N - Shiraz

Ugni blanc B

Viognier B

8. **Deskrizzjoni tar-rabta/rabtiet:**

8.1. *Fatturi naturali u umani li jikkontribwixxu għar-rabta*

Fuq ix-xatt tal-lemin tar-Rhône, fil-qalba tal-"Côte du Rhône" tal-Gard, il-benniena tad-Denominazzjoni ta' Oriġini Kkontrollata bl-istess isem, iż-żona ġeografika tad-Denominazzjoni ta' Oriġini Kkontrollata Lirac tikkonsisti minn artijiet imtarrġin u għoljiet li jestendu mill-Grigal sal-Lbiċ b'mod parallel mal-assi tax-xmara. Din iż-żona tinsab bejn ir-Rhône u t-terren tal-ġebla tal-ġir kopert mix-xagħri. Il-vinji jkopru l-irqajja' demarkati ta' erba' muniċipalitajiet tad-département tal-Gard: Lirac, Roquemaure, Saint-Géniès-de-Comolas u Saint-Laurent-des-Arbres, f'altitudni ta' bejn 50 metru u 200 metru.

Il-klima hija Mediterranja bl-influwenza tal-Mistral, b'inqas minn 700 millimetru ta' xita fis-sena. Id-dawl tax-xemx huwa għoli (2 700 siegħa fis-sena), speċjalment fis-sajf matul il-perjodu ta' maturazzjoni tal-għeneb. Il-Mistral, riħ qawwi kiesaħ u xott mit-Tramuntana, jonfoħ għal 180 jum fis-sena bħala medja.

Fuq l-għoljiet imtarrġa, tiżviluppa ħamrija taflija ħamra b'ċagħaq kbir (art imtarrġa ta' Villafranka), segwita minn ħamrija loess jew taflija kalkarja skeletali (rendziniformi) fuq l-għoljiet u l-inklinazzjonijiet. Din il-ħamrija kollha hija kkaratterizzata mis-sensittività tagħha għan-nixfa tas-sajf.

Ir-rikonoxximent tad-Denominazzjoni ta' Oriġini Kkontrollata Lirac twettaq permezz tad-digriet tal-14 ta' Ottubru 1947. Din id-Denominazzjoni ta' Oriġini Kkontrollata hija l-ewwel waħda mill-"Crus des Côtes du Rhône" li tista' tipproduċi t-tliet kuluri tal-inbejjed, l-inbejjed ħomor, rożè u bojod.

Fl-2009, il-vinji kienu jkopru erja ta' 750 ettaru bi produzzjoni medja annwali ta' 20 000 ettolitru. Din il-produzzjoni, imwettqa minn madwar 50 operatur, tikkonsisti prinċipalment minn inbejjed ħomor (80 % tal-produzzjoni) u nbejjed rożè (11 % tal-produzzjoni).

8.2. *Interazzjonijiet kawżali*

Bl-interazzjoni bejn il-fatturi naturali favorevoli, l-użi kondiviżi mill-komunità tal-produtturi u l-fatturi tal-iżvilupp ekonomiku lokali, kien possibbli li jiġu identifikati l-oriġinalità u l-karatteristiċi tipiċi tal-inbejjed Lirac.

Għalhekk, il-prattiki tat-taħlitiet tal-għeneb isibu l-espressjoni naturali tagħhom fuq kull wieħed mit-tipi kbar ta' ħamrija preżenti fl-irqajja' demarkati bir-reqqa biex jipproduċu t-tliet kuluri tal-inbejjed. L-għarfien espert iggwida t-tħawwil tal-varjetajiet tal-għeneb bojod fuq l-irqajja' b'ħamrija tal-ġebla tal-ġir, perfetta għall-produzzjoni tal-inbejjed bojod, u t-tħawwil tal-varjetajiet tal-għeneb suwed fuq l-irqajja' b'ħamrija taflija aktar profonda, iżda madankollu skulata sew, li se jagħmluha possibbli li jiġu espressi l-qawwa u l-istruttura tal-inbejjed ħomor.

Id-diversità tal-varjetajiet, magħżula matul l-istorja ta' din il-vinja bħala li tiflaħ għas-sħana qawwija tas-sajf, tippermetti lill-produttur jottimizza t-taħlitiet tal-cuvées tiegħu skont it-tipi ta' ħamrija u l-espożizzjoni ta' kull roqgħa art.

Il-klima tar-Rhône, Mediterranja, bis-saħħa tax-xemx karatteristika tagħha, imsaħħa mill-ftit xita tas-sajf, tippermetti li l-għeneb jimmatura sew, u dan jirriżulta f'kontenut għoli ta' zokkor tal-frott artab, li jwassal għall-produzzjoni naturali ta' nbejjed ġeneruż.

Il-Mistral, li huwa riħ vjolenti, kiesaħ iżda xott, jillimita l-kontenut ta' ndewwa tal-weraq, u b'hekk jiffavorixxi l-kontroll naturali tal-mard kriptogamiku.

Il-port ta' Roquemaure kellu rwol ewlieni fl-iżvilupp u r-reputazzjoni tal-inbejjed. Tabilħaqq, ilu l-punt tat-tluq għall-inbejjed tal-"Côte du Rhône" lejn Pariġi, l-Ingilterra u l-Olanda.

Fis-seklu 18, Roquemaure kien l-aktar port importanti għall-kummerċ tal-inbid fuq ir-Rhône. Kien possibbli li jinħażnu sa 2 000 biċċa nbid qabel ma ttieħdu lejn bliet Franċiżi jew Ewropej.

9. **Rekwiżiti oħra applikabbli (ippakkjar, tikkettar, rekwiżiti addizzjonali)**

Żona fil-viċinanza immedjata

Qafas legali:

Leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit addizzjonali:

Deroga dwar il-produzzjoni fiż-żona ġeografika demarkata

Deskrizzjoni tar-rekwiżit:

Iż-żona fil-viċinanza immedjata, iddefinita b'deroga għall-vinifikazzjoni u għall-produzzjoni tal-inbejjed, hija magħmula mit-territorju tal-muniċipalitajiet li ġejjin, abbażi tal-Kodiċi Ġeografiku Uffiċjali 2023:

— Id-département tal-Ardèche: Saint-Just ;

— Id-département tad-Drôme: Rochegude ;

— Id-département tal-Gard: Les Angles, Aramon, Bagnols-sur-Cèze, Carsan, Castillon-du-Gard, Cavillargues, Chusclan, Codolet, Comps, Connaux, Cornillon, Domazan, Estézargues, Flaux, Fournès, Gaujac, Goudargues, Jonquières-Saint-Vincent, La Bastide-d'Engras, La Capelle-et-Masmolène, La Roque-sur-Cèze, Laudun-l'Ardoise, Meynes, Montfaucon, Montfrin, Orsan, Le Pin, Pont-Saint-Esprit, Pougnadoresse, Pouzilhac, Pujaut, Remoulins, Rochefort-du-Gard, Sabran, Saint-Alexandre, SaintAndré-de-Roquepertuis, Saint-André-d'Olérargues, Saint-Bonnet-du-Gard, Saint-Christol-de-Rodières, Saint-Etienne-des-Sorts, Saint-Gervais, Saint-Hilaire-d'Ozilhan, Saint-Julien-de-Peyrolas, SaintLaurent-de-Carnols, Saint-Laurent-la-Vernède, Saint-Marcel-de-Careiret, Saint-Michel-d'Euzet, SaintNazaire, Saint-Paulet-de-Caisson, Saint-Paul-les-Fonts, Saint-Pons-la-Calm, Saint-Victor-la-Coste, Salazac, Sauveterre, Saze, Sernhac, Tavel, Théziers, Tresques, Vallabrix, Valliguières, Vénéjan, Verfeuil, Vers-Pont-du-Gard, Villeneuve-lès-Avignon;

— Id-département ta' Vaucluse: Althen-des-Paluds, Aubignan, Avignon, Beaumes-de-Venise, Bédarrides,Bollène, Caderousse, Cairanne, Camaret-sur-Aigues, Caromb, Carpentras, Caumontsur-Durance, Châteauneuf-de-Gadagne, Châteauneuf-du-Pape, Courthézon, Entraigues-sur-laSorgue, Gigondas, Jonquerettes, Jonquières, Lafare, Lagarde-Paréol, Lamotte-du-Rhône, Lapalud, Loriol-du-Comtat, Mondragon, Monteux, Morières-lès-Avignon, Mornas, Orange, Pernes-lesFontaines, Piolenc, Le Pontet, Rasteau, La Roque-Alric, Sablet, Saint-Hippolyte-le-Graveyron, Saint-Saturnin-lès-Avignon, Sainte-Cécile-les-Vignes, Sarrians, Séguret, Sérignan-du-Comtat, Sorgues, Suzette, Le Thor, Travaillan, Uchaux, Vacqueyras, Vedène, Violès.

Unità ġeografika usa'

Qafas legali:

Leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit addizzjonali:

Dispożizzjonijiet addizzjonali dwar it-tikkettar

Deskrizzjoni tar-rekwiżit:

It-tikkettar tal-inbejjed bid-Denominazzjoni ta' Oriġini Kkontrollata jista' jispeċifika l-unità ġeografika akbar "Cru des Côtes du Rhône" jew "Vignobles de la Vallée du Rhône" skont il-kundizzjonijiet tal-użu speċifikati fil-ftehim iffirmat bejn id-diversi korpi tad-difiża u tal-ġestjoni kkonċernati. Dan it-terminu jrid jidher fl-istess kamp viżiv bħad-dettalji obbligatorji kollha u jrid ikun stampat b'karattri tal-istess disinn grafiku u kulur bħal dawk tad-denominazzjoni, sakemm id-daqs ta' dan it-terminu ma jaqbiżx iż-żewġ terzi tad-daqs tad-denominazzjoni.

Link għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott

https://info.agriculture.gouv.fr/gedei/site/bo-agri/document_administratif-6a18f1f2-d1b5-420b-bdfb-a9f701721270